

**Dispożittiv**

Il-kunċett ta' "l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur", previst fl-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar fehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan il-kunċett jinkludi l-ispejjeż għall-estensjoni eventwali tal-kreditu, sa fejn, minn naħa, il-kundizzjonijiet konkreti u preċiżi għall-estensjoni eventwali tiegħu, inkluż it-tul tagħha, jiffurmaw parti mill-klawżoli u mill-kundizzjonijiet miftiehma bejn il-persuna li ssellef u l-persuna li tissellef fil-kuntratt ta' kreditu u, min-naħa l-oħra, dawn l-ispejjeż huma magħrufa mill-persuna li ssellef.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 25.11.2019

---

**Appell ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2019 minn Abaco Energy SA et mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fil-25 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-186/18, Abaco Energy et vs il-Kummissjoni**

**(Kawża C-436/19 P)**

(2020/C 297/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Abaco Energy SA et (rappreżentant: P. Holtrop, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-21 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (is-Seba' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u li l-appellanti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fis-7 ta' April 2020 – SC Avio Lucos SRL vs Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central**

**(Kawża C-176/20)**

(2020/C 297/27)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Alba Iulia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Avio Lucos SRL

*Konvenuti:* Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central

**Domandi preliminari**

1) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (<sup>1</sup>) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-attività minima li għandha titwettag fuq superfiċji agrikola normalment miżmuma f'kundizzjoni xierqa għall-mergħa hija li jirgħu l-annimali mrobbija mill-bidwi?